A.L. 468 ta' l-2004

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' 2001)

Regolament ta' l-2004 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Laħam tat-Tjur Frisk.

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikoli 11 u 12 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Kapitolu I
Disposizzjonijiet Ġenerali

Titolu u Skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolament ta' l-2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' Saħħa ta' l-annimali li Jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju u l- Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Laħam tat-Tjur Frisk.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu biex jimplimenta d-disposizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC li tirregola Kummerċ Intra-Komunitarju u l- Iimportazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Laħam tat-Tjur Frisk.

(3) Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, fejn issr riferenza fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC għaċ-ċertifikat imsemmi taħt Kapitlu X tal-Anness 1 tad- Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC hekk kif trasposta fil-liġijiet ta' Malta permezz tar-regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Laħam ta' Tjur Frisk, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa ta'l-Avviż Legali 258/2004 riferenza, għanda issir għaċ-ċertifikat imsemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea (EC) 599/04 hekk kif transposta fil-liġijiet ta' Malta taħt ir-regolamenti ta' l-2004 dwar iċ-ċertifikat u r-Rapport ta' l-Ispezzjoni dwar Kummerċ Intra Komunitarju ta' Annimali u Prodotti Magħmula mill-annimali, hawnhekk iżjed il-quddiem msejħa l-Avviż Legali 295/2004:

Iżda fil-każ ta'prodotti li jiġu importati min pajjiżi terzi għanda tapplika l-proċedura li hemm fir-Regolamet tal-Kummissjoni Ewropea (EC) 136/04.

Tifsir.

2. (1) Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet, u speċjalment dawk għal tjur, imniżżla fl-Artikolu 2 tad- Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/539EEC. Barra minn dan-

(a) “laħam” tfisser kull parti tat-tjur li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem:;

(b) “laħam frisk” tfisser kull laħam inkluż laħam imgeżwer fil-vakwa jew f’atmosfera kontrollata, li ma jkunx għadda minn xi trattament ħlief għal trattament ta’ kesħa li jiżgura l-preservazzjoni tiegħu;

(ċ) “Pajjiżi Terzi” tfisser dawk il-pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea

(d) “ Stat Membru” tfisser Stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea.

Kapitolu II
Regoli li jirregolaw il-kummerċ Intra-Komunitarju

Kummerċ intra-kommunitarju fil-laħam tat-tjur frisk

3. Sabiex jsir kummerċ fit-territorju ta’ Malta u ma’ Stati Membri, laħam frisk għandu jkun inkiseb minn tajr li-

(1) ikun ġie miżmum fit-territorju ta’ Malta jew fi Stat Membru sa minn meta jkun faqqas jew li kien impurtat minn pajjiżi terżi skond il-ħtiġijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva tal- Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea 90/539EEC**.**

(2) ġej minn razzett-

(a) li ma jkunx ġie mqiegħed taħt restrizzjonijiet ta’ saħħa ta’ annimali b’konnessjoni ma’ mard tat-tjur,

(b) li ma jkunx jinstab f’żona li għal raġunijiet ta’ saħħa ta’ l-annimali tkun soġġetta għal miżuri restrittivi li jinvolvu kontrolli fuq laħam tat-tjur skond il-liġijiet ta’ Malta u ta’ Stati Membri, bħala riżultat li jkun hemm xi marda li għaliha t-tjur jkunu suxxettibbli;

(3) matul il-ġarr lejn il-biċċerija ma jkunx ġie f’kuntatt ma’ tjur li jkollhom l-influwenza tat-tjur jew il-marda *Newcastle*; dak il-ġarr minn ġo żona li tkun ġiet dikjarata bħala żona infettiva bl-influwenza tat-tjur jew bil-marda *Newcastle*, għandu jkun projbit sakemm ma jiġux użati toroq jew ferroviji prinċipali*;*

(4) ikun ġej minn biċċeriji fejn-

(a) fil-ħin tal-qatla, ma jkun ġie reġistrat ebda każ ta’ influwenza tat-tjur jew tal-marda *Newcastle*.

(b) laħam frisk li jkun suspettat li jkun ġie kontaminat fil-biċċerija, impjant ta’ tqattigħ, post ta’ ħażna jew matul il-ġarr, ikun eskluż mill-kummerċ;

(5) ikun ittimbrat skond ir-regolamenti 4 u 5:

Izda l-kontrolli nazzjonali li jirregolaw laħam huma eżenti minn dan il-kapitolu jekk-

- jkun imqiegħed fil-bagalji personali ta' passieġġieri u maħsub għall-konsum personali tagħhom,

- f'kunsinni żgħar lil individwi privati, kemm-il darba l-kunsinni msemmija mhumiex ta' xorta kummerċjali,

- għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri fuq mezzi ta' trasport li joperaw f'kuntest internazzjonali.

Użu tat-timbru tas-saħħa.

4. Laħam tat-tjur frisk kopert b'dawn ir-regolamenti għandu jkun mogħti t-timbru tas-saħħa speċifikat fir-regolament 3 (1) (e) ta' l-Avviż Legali 258/2004, kemm-il darba jsegwi l-ħtiġijiet imniżżla fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti u li jkun ġej minn tajr maqtul skond il-ħtiġijiet ta' l-iġene mniżżlin fl-Avviż Legali 258/2004.

Użu tat-timbru tas-saħħa għal laħam frisk u laħam frisk tat-tjur, mhux maħsub għal kummerċ Intra-Komunitarji.

5. (1) Minkejja l-regolament 4, u sakemm ma jkunx maħsub għall-kummerċ f'laħam frisk bejn il-pajjiżi membri, laħam frisk tat-tjur li ma jissodisfax il-ħtiġijiet imniżżla fir-regolamenti 3 (2), (3) (4)(a) jista' jkollu timbru skond ir-regolamenti 3 (1) (e) tal- Avviż Legali 258/2004, kemm-il darba dan it-timbru jkun immedjatament-

(a) jew ittimbrat mill-ġdid b'mod li t-timbru tas-saħħa definit f'punt 66 (a) u (b) tal-Kapitolu XII ta' l-Iskeda I ma' l-Avviż Legali 258/2004 ikun mgħotti b'salib dijagonali li jkun jikkonsisti f'żewġ linji dritti msallba f'angolioretti, bil-punt fejn jiltaqgħu li jkun fiċ-ċentru tat-timbru u hekk li l-informazzjoni li jkun hemm tibqa' li tista' tinqara;

(b) jew ikun mibdul minn timbru speċjali wieħed li jkun jikkonsisti fit-timbru tas-saħħa definit f'punt 66 (a) u (b) tal-Kapitolu XII tal-Iskeda I mal-Avviż Legali 258/2004, li jkun timbrat mill-ġdid skond punt (a) ta' dan il-paragrafu. Id-disposizzjonijiet ta' punt 65 tal-Kapitolu XII tal-Iskeda I tal-Avviż Legali 258/2004 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaż-żamma u l-użu ta' strumenti ta' ttimbrar.

(2) Il-laħam imsemmi fis-subregolament (1) irid ikun ġie miksub, imqatta, trasportat u maħżun separatament minn, jew mhux fl-istess ħin bħal, laħam maħsub għall-kummerċ Intra-Komunitarju f'laħam frisk u għandu jiġi wżat b'mod li jevita li jkun introdott fi prodotti tal-laħam maħsubin għall-kummerċ Intra-Komnunitarju sakemm ma jkunx għadda mit-trattament speċifikat fl-Artikolu 4 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 80/215/EEC kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC.

Verifiki li għandhom iseħħu bħala prosegwiment ta' kontrolli li jsiru mill-Istati Membri

6. Ir-regoli mniżżlin fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC għandhom japplikaw, b'mod partikulari dwar l-organizzazzjoni ta' u l-prosegwiment tal-verifiki li jsiru mill-Istati Membri ta' destinazzjoni u l-miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu applikati.

Spezzjonijiet fuq il-post.

7. Esperti veterinarji minn Stati Membri u il-Kumissjoni Ewropeja jistgħu, flimkien mas-Servizz Veterinarju, jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post. Is-Servizz Veterinarju għandu jagħti lill-esperti, l-għajnuna kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ħidmiet tagħhom.

Kapitolu III

Regoli li japplikaw għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Eċċezzjoni għar-regoli fuq l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk.

8. (1) Laħam tat-tjur frisk impurtat fit-territorju ta' Malta għandu jkun jissodisfa l-ħtiġijiet imniżżlin fir-regolamenti 9 sa 12.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal-

(a) laħam tat-tjur li jifforma parti mill-valiġa personali ta' passiġġieri u li jkun maħsub għall-konsum personali tagħhom, kemm-il darba dik il-kwantità trasportata ma teċċedix kilogramm wieħed għal kull persuna u li tkun ġejja minn pajjiż terz jew parti minnu li jidher fuq il-lista magħmula skond ir-regolament 9 u li minnu mhix projbita l-importazzjoni taħt ir-regolament 14;

(b) laħam ta' tjur mibgħut bħala kunsinni żgħar lil individwi privati, kemm-il darba dak il-laħam ma jkunx impurtat għan-negozju, il-kwantità ma tkunx teċċedi kilogramm wieħed u li jkun ġej minn pajjiż terz jew min xi parti minnu li hemm fil-lista magħmula skond ir-regolament 9 u li minnu mhix projbita l-importazzjoni taħt ir-regolament 14;

(ċ) laħam għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri abbord mezzi tat-trasport li joperaw fi sfond internazzjonali. Meta dan il-laħam jew l-iskart li jirriżulta mill-kċina jinħatt, dan għandu jiġi meqrud. Madanakollu, mhux meħtieġ li l-laħam jinqered meta dan ikun trasferit, sew direttament sew wara li jkun tqiegħed proviżorjament taħt is-superviżjoni tad-dwana, minn mezz ta' trasport wieħed għall-ieħor;

Regoli fuq l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk minn pajjiż terzi.

9. (1) Laħam frisk tat-tjur għandu jiġi minn pajjiż terz jew xi parti ta' pajjiż terz li jidher fuq lista magħmula mill-Kummissjoni Ewropea skond il-proċedura mniżżla fl-Artiklu 18 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC. Il-

lista tista' tkun miżjuda jew emendata skond l-istess proċedura mnizzla fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC.

(2) Biex ikun deċiż jekk pajjiż terz jew parti minnu jistax ikun inkluż fil-lista msemmija fis-subregolament (1), għandu jittieħed kont partikulari -

(a) ta' l-istat ta' saħħa tat-tjur, annimali domestiċi oħra u s-selvaġina fil-pajjiż terz, b'attenzjoni partikulari li tingħata lil mard ta' annimali eżotiċi, u s-sitwazzjoni ta' saħħa ambjentali f'dak il-pajjiż, meta dak l-istat jew dik is-sitwazzjoni tista' tqiegħed fil-periklu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali fit-territorju ta' Malta;

(b) tar-regolarità u l-ħeffa tal-provvista ta' informazzjoni mill-pajjiż terz dwar l-eżistenza ta' mard ta' l-annimali li jittieħed fit-territorju tiegħu, b'mod partikulari l-mard li jidher fuq il-listi A u B ta' l-Uffiċju Internazzjonali tal-Epiżootiċi;

(ċ) tar-regoli ta' dak il-pajjiż dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard ta' l-annimali;

(d) ta' l-istruttura tas-Servizz Veterinarju fil-pajjiż u l-poteri tiegħu;

(e) ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jevitaw u jikkontrollaw mard ta' l-annimali li jittieħed;

(f) tal-leġislazzjoni ta' dak il-pajjiż dwar l-użu ta' sostanzi projbiti, b'mod partikolari tal-leġislazzjoni dwar il-projbizzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' sostanzi, it-tqassim tagħhom, it-tqegħid fis-suq u r-regoli dwar l-amministrazzjoni u l-kontroll tagħhom;

(ġ) tal-garanziji li l-pajjiż terz jista' jagħti dwar id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-lista msemmija fis-subregolament (1) u kull emenda li ssir fiha għandha tkun pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunita' Ewropea.

Regolamenti ulterjuri dwar l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk.

10. (1) Laħam frisk tat-tjur għandu jiġi minn pajjiżi li huma ħielsa mill-influwenza tat-tjur u mill-marda *Newcastle.*

(2) Il-kriterji ġenerali skond liema jiġu klassifikati il-pajjiżi terzi imsemmija in konnessjoni mal- mard fis-subregolament (1), għandhom ikunu adottati skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC. Dawn il-kriterji ma għandhom f'ebda kaz ikunu iktar favorevoli minn dawk adottati mill-Istati Membri konformi mad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/539/EEC.

(3) Il_Kummissjoni Ewropea tista' skond il-proċedura mnizzla fl-Artiklu 18 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91-494-EEC, tiddeċidi li l-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10 għandu japplika biss għal parti mit-territorju ta' pajjiż terz.

Regolamenti ulterjuri għal l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur.

11. (1) Il-laħam tat-tjur frisk għandu-

(a) jkun jissodisfa l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali adottati skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC. Dawn il-ħtiġijiet jistgħu ivarjaw skond l-ispeċi ta' l-għasafar;

(b) jiġi minn qatgħat li, qabel il-kunsinna, ikunu, mingħajr interruzzjoni, inżammu fil-pajjiż terz jew parti minnu għal perjodu li għandu jkun definit skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC.

(2) Il-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali għandhom jiġu stabbilit fuq il-bażi tar-regoli mniżżla fil-Kapitolu II u fl-Annessi korrispondenti tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/539/EEC. Skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC, tista' tingħata deroga skond kull każ għalih, jekk il-pajjiż terz konċernat joffri garanziji ta' saħħa ta' l-annimali simili li ta' l-inqas ikunu ta' *standard* ekwivalenti.

Rekwiżiti ta' ċertifikat li għandu jkun hemm ma' laħam tat-tjur frisk impurtati min pajjiżi terzi.

12. (1) Laħam tat-tjur frisk għandu jkollu miegħu ċertifikat li jinkiteb minn Veterinarju uffiċjali tal-pajjiż terz esportatur. Iċ-ċertifikat għandu-

(a) jinħareġ fil-ġurnata tat-tagħbija għall-kunsinna fil-pajjiż destinatarju;

(b) ikun miktub fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż li minnu ikun ser jintbagħat, tal-pajjiż destinatarju u f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż li fih ikunu ser jitwettqu l-verifiki ta' importazzjoni;

(ċ) jkun flimkien mal-kunsinna fil-forma oriġinali tiegħu;

(d) jiċċertifika li l-laħam frisk ikun jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' dawk adottati konformement ma' dawn ir-regolamenti dwar l-importazzjoni minn pajjiżi terzi;

(e) ikun magħmul minn karta waħda biss;

(f) ikun magħmul għal persuna waħda li tirċievi biss.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jkun konformi ma' mudell ta'ċertifikat stabbilit skond l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC.

Spezzjonijiet fuq il-post.

13. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post minn esperti veterinarji tat-territorju ta' Malta u ta' l-Unjoni Ewropeja biex jiżguraw li d-disposizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti jiġu applikati b'mod effettiv.

Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur min pajjiżi terzi.

14. (1) Il-Kummissjoni Ewropea tista' tiddeċiedi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC, li importazzjonijiet minn pajjiż terz jew parti minnu għandhom ikunu ristretti għal laħam tat-tjur frisk ta' speċi partikolari.

(2) Il-Kummissjoni Ewropeja tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EEC, li tapplika restrizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali, kif ikun meħtieġ, wara l-importazzjoni.

Regoli li japplikaw għal spezzjonijiet f'pajjiżi terzi jew għal spezzjonijiet ta' laħam tat-tajr frisk importat min pajjiżi terzi.

15. Ir-regoli u l-prinċipji ġenerali applikabbli matul l-ispezzjonijiet f'pajjiżi terzi jew matul l-ispezzjonijiet ta' laħam tat-tjur impurtat minn pajjiżi terzi u l-miżuri ta' ħarsien li għandhom jiġu implimentati, għandhom ikunu dawk imniżżlin fid-Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/675/EEC.

Regoli tas-saħħa li għandhom jiġu fil-każ ta' importazzjonijiet ta' laħam tat-tjur wzati sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regoli fuq is-saħħa tal-Komunita' Ewropea.

16 . (1) Sakemm jiġu implimentati ir-regoli Ewropej fuq is-saħħa fir-rigward ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' laħam tat-tjur, is-Servizzi Veterinarji għandhom japplikaw regoli, li ma jkunux aktar favorevoli min dawk li jirregolaw il-kummerċ Intra-Komunitarju skond kif stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/EEC, u għandhom jagħmlu l-kummerċ fil-laħam tat-tjur soġġett għar-regoli stipulati fl-artiklu 6 (1) (b) tad- Direttiva tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC.

(2) Mingħajr preġudizzju għall- Artikolu 16 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/494/EECit-territorju ta' Malta għandu jkollu d-dritt jibqa' jagħmel spezzjonijiet skond arranġamenti nazzjonali fuq stabbilimenti ta' pajjiżi terzi ġaladarba dawn ma jkunux ġew spezzjonati skond il-proċedura tal-Kommunita Ewropea.

(3) Kemm iċ-ċertifikat tas-saħħa li jkun hemm fliemkien mal- l-prodotti impurtati kemm il-forma u xorta tat-timbru tas-saħħa li jidher fuq il-prodotti, għandhom ikunu jikkorispondu ma' mudell stabbilit mill-Kummissjoni Ewropeja skond il-proċedura rilevanti tal-Komunita' Ewropea.